MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Numru 995/2003

Il-Pulizija
(Sp Louise Calleja
Sp Carlo Ellul
Sp Christopher Pullicino)
vs
Frank Paul Vella, iben Gerald,
imwieled Ħaż-Żabbar fit-22 ta'
diċembru, 1986

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fid-29 ta' ġunju, 2003, fi Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda –
1. ikkometta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' omissis
2. bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati arresta, żamm jew issekwestra lil omissis kontra l-volonta' tagħha, u dan bħala mezz biex tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-

mistħija tas-sess tagħha u li b'liema zamma jew sekwestru omissis ġiet offiża fuq il-persuna tagħha jew imheddha bil-mewt;
3. bi vjolenza kkometta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' omisis
4. uża vjolenza sabiex iġiegħel lill-istess omissis tagħmel xi ħaġa kontra l-volonta' tagħha;
5. hedded bil-fomm lil omissis b'xi delitt u cioe' b'omiċidju;
6. offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku;
7. ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq iil-persuna ta' omissis skond kif iċċertifikaw diversi tobba ta' l-Isptar San luqa;
8. talli kkometta reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, u dan fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti, li ġġib id-data tal-21 ta' mejju, 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
9. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali billi kkometta reat, wara sentenza li saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' ġunju, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 198 u 202(f) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 86 u 87 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 207 u 202(f) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 249 tal-Kodiċi Krimiali;
f. fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 214 u 218 tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodiċi Kriminali;
j. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u
k. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' marzu, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' ottubru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-fatt li l-imputat skonta l-piena erogata bis-sentenza tal-21 ta' mejju, 2003.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat mhux ħati tal-akkuża numru tmienja (8) miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli198, 202(f), 86, 87(1)(g), 214, 218, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Tirrileva li meta sar ir-reat l-imputat kien għadu minorenni. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' ħames snin priġunerija. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' mija sitta u għoxrin lira maltin (Lm126) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------